# IL-KOMPOŻITUR MALTI CHARLES CAMILLERI



Charles Camilleri, kompożitur, surmast, pjanista u kittieb twieled fis-7 ta' Settembru 1931. Il-mewt ta' dan il-kompożitur ċelebri Malti tħabbret nhar is-Sibt, 3 ta' Jannar 2009. Huwa miet fl-eta' ta' 77 sena.

Malta tilfet lill-kompożitur Charles Camilleri, deskritt bħala wieħed mill-ulied li l-aktar li għamlulha ġieħ fil-qasam mużikali lokali u nternazzjonali. Maestro Charles Camilleri kien l-ewwel ***lecturer*** tal-mużika fl-Universita' ta' Malta. Hu kkompona diversi opri mużikali li ndaqqu kemm f'Malta kif ukoll madwar id-dinja. Meta kellu 16-il sena kien diġa' kkompona l-ewwel xogħol mużikali tiegħu u l-ewwel xogħlijiet tiegħu ndaqqu f'Londra u fl-Istati Uniti fl-1954.
Id-Dar tad-diski Decca, fl-1972, irrekordjat il-kompożizzjoni tiegħu ***Missa Mundi*** li għamlet suċċess mad-dinja kollha. Aktar minn 150 kompożizzjoni ta' Charles Camilleri kienu ppubblikati mid-djar tal-mużika nternazzjonali. Ħamsin minn dawn il-kompożizzjonijiet ħarġu wkoll fuq CD. Kiteb ukoll opri bil-Malti fosthom ***Il-Wegħda***.
Maestro Camilleri dderieġa orkestri, ikkompona xogħlijiet mużikali għaċ-ċinema, opri, biċċiet orkestrali, ***chamber ensembles*** u kunċerti. Jibqa' jissemma fost l-oħrajn, għall-Oratorju ***Pawlu ta' Malta*** u l-famuża ***Malta Suite***.
Mro Charles Camilleri kien ingħata wkoll Ġieħ ir-Repubblika għall-kontribut tiegħu fil-qasam mużikali.

**Rabta mal-Parroċċa tagħna**

Nistgħu ngħidu li dan il-kompożitur kbir għandu konnessjoni mal-Parroċċa ta' Sannat, għaliex kien hu li kiteb il-***Missa in honorem S. Margaritae*** għall-parroċċa tagħna, fuq talba ta' l-Arċipriet Dun Tarcisio Camilleri. Din il-quddiesa tiġi esegwita f'jum il-festa tal-patruna Santa Margerita. Din l-opra mużikali ġiet ippreżentata għall-ewwel darba mill-kompożitur innifsu lill-Arċipriet Kan. Dun Tarcisio Camilleri nhar it-28 ta' Lulju 2002.

Charles Camilleri kien kapaċi joħloq il-metodu ndividwali tiegħu għan-notamenti komplimentari mużikali li fl-aħħar mill-aħħar saru parti mill-identita' mużikali tiegħu.
Meta tħabbret il-mewt ta' Charles Camilleri, il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti ħareġ b'din l-istqarrija:
"Huwa xtaq jagħmel għal Malta dak li Chopin għamel għall-Polonja, jew li Bartok wettaq għall-Ungerija, jiġifieri li jaqbad il-mużika tradizzjonali sempliċi u jużaha fil-kumpless tagħha, iżda b'modi aktar delikati biex jesprimi karetteristiċi ndividwalment moderni."



J'Alla l-mużika ta' Maestro Charles Camilleri tkompli tgħix f'qalbna u f'moħħna sabiex il-mużika tiegħu tkun minjiera ta' ispirazzjoni għall-kompożituri u ħafna nies oħra madwar id-dinja fix-xena mużikali.

Il-Parroċċa tagħna tibqa' dejjem grata lejh għal din l-opra mużikali li tana.